MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 40/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Elton George Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Elton George Spiteri talli fis-17 ta' April 2000 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:

(1) Fl-istess zmien u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta

taghrif falz, billi wahhal sett ta’ *number plates* foloz fuq vettura scrap ta’ ghamla Isuzu;

(2) Fl-istess data, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza sett ta’ *number plates* foloz (LVY-155) fuq vettura ohra ta’ ghamla Isuzu (scrap);

(3) Fl-istess zmien u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat, billi hassar u biddel ic-*chassis number* tal-vettura tal-ghamla Isuzu (scrap);

(4) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel uzu bin-numru divers minn dik li jkun gie moghti lilu mill-pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku u cioe` bin-numru ( LVY-155);

(5) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer f’dawn l-ahhar xhur bhala persuna li accetta li jixtri jew ibiegh skrappjat jew b’xi mod iehor, iddispona mill-vettura numru LVY-155, naqas li jaghti avviz bil-miktub fi zmien sebat ijiem lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar il-bidla tas-sid jew twellija tal-imsemmija vettura;

Il-Qorti giet mitluba li tordna lill-imsemmi Elton George Spiteri li jesegwixxi l-ligi fi zmien sufficjenti ghaldaqshekk kif jigi stabbilit mal-Qorti taht penali ta’ ammenda ta’ mhux aktar minn Lm2 kuljum fin-nuqqas;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta’ Frar 2006, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 188 u 189 tal-Kap. 9, l-artikolu 321 tal-Kap. 10 u l-artikolu [*recte:* regolament] 26 ta’ l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994, sabet lill-imsemmi Elton George Spiteri hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ hames mitt liri Maltin (Lm500); inoltre ordnatu li jesegwixxi l-ligi fi zmien tliet xhur u fin-nuqqas jehel penali ta’ Lm4 kuljum ai termini ta’ l-artikolu 321 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Elton George Spiteri pprezentat fis-27 ta’ Frar 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Permezz ta’ l-ewwel erba’ imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, huwa gie akkuzat bi ksur ta’ l-artikolu 188 (l-ewwel imputazzjoni) u l-artikolu 189 (it-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet) tal-Kodici Kriminali. Ir-reat deskritt fl-artikolu 188 tal-Kap. 9 jikkontempla forma ta’ falsita` ideologika filwaqt illi dak imsemmi fl-artikolu 189 jikkontempla forma ta’ falsita` materjali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** moghtija fis-17 ta’ Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:

**“Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b’dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II* (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (*Trattato*, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin *“non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero”*. Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta’ falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun**

**tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., *op. cit.*, p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc."**

Issa, dwar l-ewwel imputazzjoni l-appellant jghid illi r-reat migjub fl-ewwel imputazzjoni huwa ta' min jaghmel dikjarazzjoni falsa billi f'dokument mehtieg mill-awtorita` pubblika, jimlieh falsament, jew jaghti informazzjoni falsa. Fil-kaz in ezami, isostni l-appellant, dan ir-reat ma jirrizultax ghaliex l-appellant ma kien mitlub qatt jaghmel dikjarazzjoni, stqarrija jew jaghti taghrif minn xi awtorita` pubblika. Inoltre l-falsita` trid tkun f'dokument mahsub ghall-awtorita` pubblika.

F'dar-rigward l-appellant ghandu ragun u l-abbli difensur ta' l-Avukat Generali, Dott. Stephen Tonna Lowell, qabel pjenament mas-sottomissjonijiet tad-difensur ta' l-appellant f'dan ir-rigward. Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi milqugh.

Dwar it-tieni imputazzjoni l-appellant jghid illi l-element kostitutiv irid ikun li jkun hemm fl-ewwel lok dokument falsifikat. Ma hemm l-ebda allegazzjoni li n-*number plates* (bhala d-dokument moghti mill-awtorita` pubblika) kienu foloz. Kieku jezisti r-reat. Izda ma hemmx reat meta wiehed jaghmel uzu minn dokument li mhux falsifikat.

Hawn ukoll l-appellant ghandu ragun u anke d-difensur ta' l-appellat ikkonceda dan. Difatti minn imkien ma jirrizulta illi n-*number plates* kienu ffalsifikati.

Dwar it-tielet imputazzjoni l-appellant jghid illi din l-imputazzjoni titkellem fuq thassir ta' *chassis number* u *engine number* fuq vettura *scrapped*. Huwa jesprimi l-

fehma illi dawn ma jibqghux validi bhala dokumenti meta l-vettura kollha kemm hi tkun *scrapped*.

Jigi l-ewwelnett osservat illi l-imputazzjoni titkellem fuq thassir tax-*chassis number* biss u mhux ukoll tal-*engine number*. Din il-Qorti hawn tirreferi ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza precitata **Il-Pulizija v. Paul Galea**:

**"… il-pjanca fejn ikun hemm imnizzel in-numru tax-*chassis* hu dokument, ghalkemm dokument privat, fis-sens aktar 'il fuq imfisser. Infatti per mezz ta' dik il-pjanca u per mezz ta' dak in-numru kew kodici iehor li jkun hemm fuqu, il-kumpanija li tkun immanifatturat ix-*chassis* tkun qed tiggarantixxi mhux biss dak l-oggett fih innifsu u l-kwalita` tieghu, izda wkoll li tforni informazzjoni dwar data, post u dettalji ohra tal-process ta' manifattura. Hu ben risaput li, ghall-anqas f'Malta, hu ferm difficli jekk mhux addirittura impossibbli li vettura tigi debitament registrata mal-pulizija jekk ma jkollhiex, fost ohrajn, ix-*chassis number* (ara r-regolament 17(1)(a) tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur), b'mod ghalhekk li l-falsifikazzjoni ta' dak in-numru (fil-kaz odjern billi jitnizzel numru falz) tammonta ghal falsifikazzjoni 'li tkun tista' taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli' (art. 187(1) Kap. 9) u li ghalhekk tammonta ghal falsifikazzjoni ta' dokument fis-sens tal-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali."**

Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija tas-17 ta' April 2000, l-appellant jammetti li kien hu li qabad u nehha n-numru tax-*chassis* u dan ghamlu fuq il-van li kien qieghed juza. Ghalhekk din l-imputazzjoni tirrizulta.

Dwar ir-raba' imputazzjoni l-appellant gie akkuzat li "ghamel uzu bin-numru divers minn dik li jkun gie moghti lilu mill-Pulizija jew mill-ADT u cioe` bin-numru LVY155". L-appellant jghid li kieku gie akkuzat li "ghamel uzu ta' <u>vettura bil-mutur</u> bin-numru divers, ecc." Kien ikun hati ta' dan ir-reat, salv kull kwistjoni ta' preskrizzjoni li setghet immaturat.

Ghalkemm fl-akkuza l-prosekuzzjoni tirreferi ghall-artikolu 189 tal-Kap. 9, il-mod kif giet redatta din l-imputazzjoni ma tirrispekkjax dak li jipprovdi l-imsemmi artikolu. Il-prosekuzzjoni x'aktarx kienet qieghda hawn tipprospetta r-reat kontravvenzjonali kontemplat fir-regolament 34 ta' l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 li, fi kwalunkwe kaz, huwa preskritt minhabba d-dekorriment ta' aktar minn tliet xhur peress illi l-akkuza tirreferi ghas-17 ta' April u x-xhur ta' qabel mentri l-akkuza giet registrata l-Qorti fit-12 ta' Settembru 2000 u l-ewwel darba li deher l-appellant kien fl-1 ta' Novembru 2000.

Dwar il-hames imputazzjoni, jinghad mill-ewwel illi din hija ta' natura kontravvenzjonali u, stante illi, kif inghad fil-paragrafu precedenti, l-appellant gie akkuzat li kkommetta r-reati odjerni "fis-17 ta' April 2000 u fix-xhur ta' qabel", hemm id-dekorriment ta' aktar minn tliet xhur bejn dik id-data u d-data li gew inizjati dawn il-proceduri kontra tieghu. Konsegwentement din l-imputazzjoni hi preskritta.

Fid-dawl tas-suespost, hemm lok ta' temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha in kwantu sabet lill-imsemmi Elton George Spiteri hati tat-tielet imputazzjoni u tirrevokaha fil-kumplament u konsegwentement tiddikjarah mhux hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, tiddikjara l-azzjoni fir-rigward tar-raba' u l-hames imputazzjonijiet preskritta u minnhom tilliberah, u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tliet mitt liri Maltin (Lm300).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------